MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2010

Appell Civili Numru. 28/2010

**Donald u Elizabeth Pirotta**

**vs**

**England Insurance Agency Ltd**

**Il-Qorti,**

Fit-22 ta' Gunju, 2010, l-Arbitru fic-Centru Malti ta' l-Arbitragg ippronunzja s-segwenti lodo fl-ismijiet premessi:-

> **"**1. Dan l-Arbitragg jirrigwarda incident li sehh fit-28 ta' Lulju 1999. Ir-rikorrenti talbu hlas ghal danni minnhom inkorsi.
>
> 2. L-intimati ghamlu diversi eccezzjonijiet procedurali li necessitaw korrezzjonijiet u notifiki u li dawn saru in atti.

3. Illi din id-decizjoni hija limitata ghall-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-intimati ai finijiet tal-artikoli 2153 u 2156 (tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta).

4. L-artikolu 2153. Jghid li *L-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn.* Waqt li l-artikolu 2154 jghid li *Dwar il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni Civili ghall-hlas tal-hsarat ikkagunati b'reat, ghandhom jitharsu r-regoli li hemm fit- Kodici Kriminali, ghall-preskrizzjoni ta' l-azzjoni kriminali.*

5. Ghalhekk ghandna sitwazzjoni cara. L-intimati qed jibbazaw il-preskrizzjoni fil-kaz odjern fuq preskrizzjoni ta' sentejn.

6. Gew esibiti diversi dokumenti mill-partijiet sabiex jissostansjaw il-posizzjoni relattiva.

7. Il-gurisprudenza tghallem illi gharfien tal-jedd mid-debitur irid ikun wiehed car u univoku. Inoltre semplici kollokwji jew konversazzjonijiet bejn il-kreditur u id-debitur ma jammontawx ghal rikonoxximent tad-dejn u ghalhekk ma jistghu qatt jinterrompu l-preskrizzjoni jew inkella jigu interpretati bhala rinunzja da parti tad-debitur ghal preksrizzjoni li jkun idekorra favur tieghu. (ara sentenza PA 15.10.2003 - Perit Arkitett Joseph Barbara vs Segretarju tal-War Damage Commission, u wkoll Appell Superjuri 30.05.2003 - Domenic Department Stores Ltd. vs Malta Dairy Products Ltd.)

8. Fil-kawza deciza fid-9 ta' Frar, 2005 Appell Civili Numru. 544/2003 Austin Psaila vs Lother Slabick per L-imhallef P. Sciberras gie deciz hekk:

> *Jinsab precizat ukoll, kemm fid-duttrina legali, kif ukoll fil-gurisprudenza, illi dan ir-rikonoxximent tad-dritt ghal fini ta' l-interuzzjoni tal-preskrizzjoni hu konfigurabbli*

*fir-rekwiziti tal-volontarjeta', tal-konsapevolezza, ta' l-inekwivocita', dejjem b'mod esterjorizzat. Rekwiziti dawn li hu necessarju li jikkoezistu flimkien fl-istess att;*

9. Ukoll:

*jekk dwar din l-interruzzjoni hemm konflitt ta' provi*, *allura l-konsegwenza m'hijiex li ghandha tigi michuda l-preskrizzjoni, imma dik kuntrarja, li ghandha tigi akkolta, peress li l-posizzjoni guridika tkun li mentri jkun fatt li ghadda t-terminu tal-preskrizzjoni, jkun ugwalment fatt illi l-attur ma ssodisfax lill-Qorti li kien hemm interruzzjoni." (**Kollez. Vol. XXX P I p 989**). Ghaldaqstant dak li hu importanti hu li r-rikonoxximent allegat mill-attur ikun car u esplicitu (**Kollez. Vol. XXXVIIIP*** **III p 723**);

10. Dan ifisser li sabiex ikun hemm interuzzjoni ta' preskrizzjoni irid li jkun hemm ir-rikornoxximent tad-debitu da' parti ta’ l-intimat. Dan irid ikun car u esplicitu.

11. Fil-kaz odjern ghandna sitwazzjoni fejn talbiet saru, u saru permezz ta' diversi ittri izda s-socjeta' England Insurance Agency Ltd. irrifjutat ir-responsabilita'. Infatti b'ittra datata 27 ta' Settembru 1999 l-Avukat Dr. J. Schembri jaghmilha cara li ma hemm ebda *admission of liability.* Wara b'ittra tat-3 ta' Ottubru 2000 England Insurance jirreferu ghal komunazzjoni ta' Dr. Gulia u hawn ukoll kollox sar bla pregudizzju. Wara ittra ohra tat-23 ta' Mejju 2002 Dr. Gulia rega’ kkomunika mas-socjeta' konvenuta. B'ittra tal-11 ta' Lulju 2002 giet ir-risposta ta' Middlesea Insurance fejn gie konfermat li kienet qed titqajjem il-preskrizzjoni. Dan l-Arbitragg gie presentat fl-2005.

> 12. Irid jinghad hawn li si tratta ta' incident li kien sehh fit-28 ta' Lulju 1999. Sakemm gie presetantat dan l-Arbitragg ma kien hemm ebda interpellanza ufficjali li setghet b'xi mod tinterrompi l-preskrizzjoni. Zgur ukoll li l-ittri esibiti jaghmluha cara li s-socjeta' konvenuta ***ma kienitx qed taccetta responsabilita' ghall-incident*** u dak li kien qed isir kien ghal kollox bla pregudizzju!
>
> 13. Ghalhekk l-arbitru ma jistax ma japplikax id-dettam tas-sentenzi fuq riferiti u jiddikjara li t-talba tar-rikorrenti tinsab preskritta ai finijiet ta' l-artikolu 2153 tal-Kodici Civili.**"**

Minn dan il-lodo arbitrali appellaw il-konjugi Pirotta bl-agravvju illi l-preskrizzjoni opposta ta' sentejn a tenur ta' l-Artikolu 2153, Kapitolu 16 ma tapplikax u ma kellhiex tigi akkolta mill-Arbitru. L-ispjegazzjoni minnhom fornita hi fis-sens illi meta b'ittra tat-3 ta' Ottubru, 2000 is-socjeta` intimata talbithom jipprovdulha taghrif dwar l-pretensjoni taghhom hi giet li b'hekk dahhlet f'negozjati maghhom bil-konsegwenza li r-relazzjoni guridika alterat ruhha minn wahda *ex-delicto* ghal wahda *ex-contractu*. Jissottomettu ghalhekk illi t-terminu preskrittiv kien wiehed ta' hames snin u gjaladarba dan beda jghaddi mill-jum tal-precitata ittra, il-kaz minhom referut lill-arbitragg fil-bidu tas-sena 2005 jigi li sar f'dak it-terminu kwinkwennali;

Minn naha taghha s-socjeta` intimata wiegbet li d-decizjoni ta' l-Arbitru li akkolja dik l-eccezzjoni taghha tal-preskrizzjoni skond l-Artikolu 2153, Kodici Civili kienet korretta. B'danakollu, introduciet appell incidentali b'zewg aggravji. Il-wiehed, illi l-Arbitru kien messu ppronunzja ruhu wkoll fuq il-preskrizzjoni minnha wkoll eccepita a tenur ta' l-Artikolu 2156 (f) Kodici Civili. L-iehor, illi l-Arbitru kien messu ddetermina il-kap ta' l-ispejjez fit-termini ta' l-Artikolu 50 dwar l-Att ta' l-Arbitragg (Kapitolu 387). Fis-sens tal-premess talbet lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata biex jinghata pronunzjament fuq dik il-preskrizzjoni l-ohra minnha opposta u ghall-kundanna ta' l-appellanti ghall-ispejjez;

Huwa utli li biex il-Qorti tara jekk ir-rikorrenti, appellanti principali, jew l-intimati, appellanti incidentalment, ghandhomx ragun fl-asserzjoni rispettiva taghhom trid tikkunsidra jekk jezistux l-elementi ta' fatt mehtiega biex isostnu l-aggravju tal-wiehed jew ta' l-iehor fuq il-punt tal-preskrizzjoni;

Mill-inkartament tal-kaz quddiem l-Arbitru jirrizulta illi l-appellanti kienu qeghdin jippretendu minghand is-socjeta` intimata r-rizarciment tad-danni subiti fl-incident stradali tat-28 ta' Lulju, 1999. Jirrizulta bhala stat ta' fatt illi l-vettura, li fil-mument ta' l-incident kienet misjuqa minn Elizabeth Pirotta, kienet assikurata taht polza *comprehensive* mas-socjeta` intimata. F'dan l-incident ma kienux involuti terzi ghaliex, kif jinghad, is-sewwieqa Pirotta tilfet il-kontroll tal-vettura u baqghet diehla go bankina zdingata. Ara Stqarrija tal-Kaz ta' l-appellanti. L-appellanti avvanzaw il-*claim* taghhom lis-socjeta` intimata b'ittri tal-konsulenti legali taghhom tas-7 ta' Settembru, 1999 u tat-18 ta' Settembru 1999. B'ittra responsiva tas-27 ta' Settembru 1999 l-Avukat tas-socjeta` intimata kiteb lir-rapprezentanti legali ta' l-appellanti fejn informah illi ghandu jindika l-ammont pretiz, sopportat minn dokumentazzjoni. Skond ma jinghad f'din l-istess missiva dan "*entirely without prejudice and without admission of any of your client's claims*". B'ittra ohra tat-3 ta' Ottubru, 2000 l-appellanti ntalbu kopja tal-Police report. Dan in rispons ghall-ittra ta' Avukat Gavin Gulia ghall-appellanti datata 29 ta' Settembru 2000;

Minn dan il-kwadru qasir tal-fatti wiehed ghandu ghax jissupponi illi l-*claim* ta' l-appellanti kienet qeghda ssir taht il-polza ta' l-assikurazzjoni *comprehensive*. Indubitament, din il-polza hi l-kuntratt meqjus bhala wiehed konsenswali, aleatorju, oneruz, bi prestazzjonijiet korrispettivi u ghal zmien. Il-partijiet kontraenti fih huma minn naha l-wahda l-assigurat, li jassumi l-obbligu tal-hlas tal-premium u minn naha l-ohra l-assiguratur, li jobbliga ruhu ghall-hlas ta' l-

indennizz dovut fl-event ta’ sinistru. Ara ghat-tifsira ta’ “kuntratt ta’ assigurazzjoni” l-Artikolu 2 ta’ l-Att dwar l-Impriza ta’ l-Assigurazzjoni (Kaptiolu 290) u, b’illustrazzjoni, il-gurisprudenza fl-ismijiet “**Joseph Micallef *nomine* -vs- Roman Vella**”, Prim’ Awla, Qorti Civili, 6 ta’ April, 1973 per Imh. Riccardo Farrugia, “**Lino Zerafa *nomine* -vs- Avv. Joseph Fenech *nomine***”, Appell Kummercjali, 30 ta’ Mejju 1980 u “**Adriano Cassar Galea *nomine* -vs- Paul Cuschieri**”, Appell Inferjuri, 31 ta’ Lulju 1996 per Imhallef Joseph Said Pullicino, fost ohrajn;

Jinsab deciz in tema ta’ preskrizzjoni illi jezistu tliet xorta ta’ danni, u cjoe (i) dawk derivanti minn delitt veru u proprju (il-preskrizzjoni applikabbli hi dik ta’ l-azzjoni kriminali), (ii) dawk derivanti minn htija akwiljana (il-preskrizzjoni hi dik ta’ sentejn), u (iii) dawk derivanti minn inadempjenza kontrattwali (il-preskrizzjoni hi dik ta’ hames snin). Ara “**Joseph Micallef *nomine* -vs- Carmelo Cassar**”, Appell Civili, 27 ta’ April, 1953;

Jikkonsegwi minn dan illi d-dritt ta’ azzjoni ta’ l-assigurat ghad-danni fil-konfront ta’ l-assiguratur tieghu, trattasi li r-rapport guridiku hu wiehed kontrattwali, jippreskrivi ruhu fi zmien hames snin mil-jum li fih gie verifikat il-fatt u li, skond il-pattijiet tal-polza, hu potenzjalment konsiderat bhala wiehed produttiv ta’ danni. Sa minn zmien remot kien ritenut illi “*trattandosi di un’ azione per danni derivanti dall’inadempimento di una obbligazione contrattuale non è applicabile la disposizione dell’articolo 1917 dell’Ordinanza VII del 1868 (*fil-prezent l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili)*, che è applicabile solo ai danni risultanti da dolo o colpa extra-contrattuale ovvero Aquiliana, ma è invece applicabile la prescrizione quinqennale che regola gli effetti del contratto*”. Ara “**Giuseppe Attard *nomine* -vs- Alfredo Zerafa *nomine***”, Qorti tal-Kummerc, 24 ta’ April, 1906. Ara wkoll “**Neg. Salvatore La Rosa de Cristoforo *nomine* -vs- Henri Rouselle**”, Appell Kummercjali, 17 ta’ Frar, 1936 u “**Dr. Carmelo Galea**

**Naudi -vs- Negte. Salvatore Zammit**", Appell Civili, 9 ta' Marzu, 1925;

Taht dan il-profil il-lodo arbitrali jiddifetta fil-motivazzjoni tieghu billi ghal fattispeci ma kienetx applikabbli l-preskrizzjoni bjennali ai termini ta' l-Artikolu 2153 izda invece dik kwinkwennali kkontemplata fl-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili;

Ipprecizat dan, l-appellanti jippretendu illi dak it-terminu preskrittiv ta' hames snin kellu jibda ghaddej mid-data tat-3 ta' Ottubru, 2000 in kwantu kien f'din id-data li s-socjeta` intimata bdiet negozjati maghhom ghall-ipprocessar tal-*claim*. Ghal din il-Qorti dan l-assunt hu ghal kollox insostenibbi, u guridikament infondat;

Hi norma generali kontenuta fl-Artikolu 2137 Kodici Civili illi "l-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata, minghajr ma jittiehed qies ta' l-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha dik l-azzjoni tmiss". In linea ta' massima hu rikonoxxut li n-negozjati li jsiru bejn il-partijiet biex jittantaw jirrizolvu l-kwestjoni ta' bejniethom ma tinterrompix id-dekorriment tat-terminu. Huwa veru illi ghall-Artikolu 2137 riprodott tezisti fil-prezent id-deroga stabbilita a norma ta' l-Artikolu 2125 (d) ta' l-istess Kodici u li ggib is-sospensjoni taz-zmien, izda din id-disposizzjoni ddahhlet fil-Kodici bl-Att VI ta' l-2004 u konsegwentement ma tapplikax ghal kaz in ezami fejn il-fatt ta' l-incident sehh fit-28 ta' Lulju, 1999;

Aktar fondamentali minn dan hi l-osservazzjoni illi b'dik l-ittra tat-3 ta' Ottubru, 2000 ma jistax jinghad li l-kumpanija assiguratrici intimata kienet qeghda tesprimi xi volonta taghha li tingarba ruhha f'negozjati jew bhala xi forma ta' rikonoxximent ta' htija. Pjuttost hu indikattiv mill-ittra ghal liema saret referenza fl-esposizzjoni tal-fatti illi hi addirittura kkontestat ir-responsabilita diretta kontra taghha. Il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tas-socjeta`

appellata illi fir-realta` lanqas kien hemm negozjati billi minn naha taghha ma saru l-ebda kontro-proposti ghall-*claim* ta' l-appellanti jew ghallanqas diskussjoni attiva dwar il-kwantum. Fil-verita` kull ma kien hemm kienet rikjesta semplici ghal xi dokumenti. Is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell, Sede Inferjuri tal-31 ta' Lulju 1996 in re: "**Joseph Mallia -vs- Joseph Falzon *et***", addirittura tipprovdi illi, ankorke s-socjeta` assiguratrici preventivament awtorizzat li jsir *survey* tal-vettura biex tistabbilixxi l-estensjoni tal-hsarat, dan bl-ebda mod ma kien jammonta ghal xi rikonoxximent da parti taghha li taghmel tajjeb ghad-danni konsegwenzjali ghall-incident li fih kien involut l-assigurat taghha;

Tinzel minn dan l-ezemplari b'deduzzjoni illi biex ikun jidher li l-kumpanija assiguratrici accettat ir-responsabilita`, tali jrid ikun esplicitu, car u univoku. Minn imkien mill-provi dan ma jidher li hu hekk il-kaz hawnhekk u, konsegwentement, mhux biss ma tinkwadrax ruhha r-relazzjoni guridika prospettata mill-appellanti ghal dik ir-raguni, illi hu sew evidenti illi t-terminu preskrittiv ta' hames snin mid-data ta' l-incident (28 ta' Lulju, 1999) kien lahaq iddekorra meta l-kaz gie sottomess ghall-arbitragg (11 ta' April, 2005);

In konkluzjoni ghalhekk din il-Qorti ma tarax kif tista' ssostni l-aggravju ta' l-appellanti konjugi Pirotta. Ghall-kuntrarju ssib li ghandha tilqa' l-preskrizzjoni opposta mis-socjeta` assiguratrici a tenur ta' l-Artikolu 2156 (f) tal-Kapitolu 16 u konsegwentement il-gravam incidentali taghha f'dan is-sens. Bhala parti telliefa fil-gudizzju l-appellanti ghandhom ukoll ibatu l-ispejjez tal-lodo u issa wkoll ta' dan l-appell.

Ghal motivi predetti din il-Qorti qeghda tichad l-appell principali tal-konjugi Pirotta. Tilqa' invece l-appell incidentali tas-socjeta` assiguratrici intimata billi tiddikjara illi l-azzjoni proposta mir-rikorrenti lill-arbitragg hi estinta a tenur ta' l-Artikolu 2156 (f), Kodici Civili. Tiddikjara

finalment illi l-ispejjez kollha, sew tal-lodo u ta’ l-appelli principali u incidentali ghandhom jitbatew interament mill-istess appellanti konjugi Pirotta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------